## Kif beda kollox …

Żmien ilu, il-bnedmin u d-draguni kienu jgħixu flimkien paċifikament fid-dinja ta' Organda. Jum minnhom twieled dragun li kellu s-setgħa jinbidel fi bniedem wara nżul ix-xemx. Kien jismu Lejli.

Kien waqt festin fit-tard fil-Palazz il-Kbir li Lejli lemaħ l-imħabba ta' ħajtu fil-Prinċipessa Żerniq u ra f'ħarsitha li hi kienet tħoss l-istess għalih.

Talab lir-re ta' Organda biex jiżżewweġ lil bintu, u dan inkorla u ċaħad it-talba tiegħu. Lejli ma qal xejn. L-għada seraq lill-Prinċipessa Żerniq. U qatt ħadd ma reġa' rahom. U b'hekk ingħata bidu għall-Gwerra Dejjiema …





# 1 Dawra madwar l-Art Mistagħdra

F'Organda, it-tfal kienu jmorru l-iskola sa ma jagħlqu l-għaxar snin, imbagħad jagħżlu l-professjoni tagħhom. Ervaël u Lena, it-tnejn li huma ta' disa' snin, kienu fl-istess klassi, taħt ir-responsabbiltà ta' Mastru Kodiċi. F'Céneri-el-Gérei, villaġġ żgħir

fin-Nofsinhar tar-Renju, Mastru Kodiċi kien meqjum minn kulħadd. Kien xwejjaħ dejjem igorr, bil-barba u xagħru twil. Leħnu kien jirbombja fil-klassi bis-saqaf tant għoli.

"Id-draguni kienu jgħixu hawn ħafna qabel il-wasla tal-bniedem u popli oħra."

"Mela allura Organda kienet tagħhom!" esklama Ervaël. "Setgħu keċċewna meta wasalna aħna, iżda m'għamlux hekk."

B'nokkli ħomor u ġilda bajda karti miksija nemex, Ervaël kien dritt u fin daqs qasba. Kien iħobb il-poeżija u jobgħod il-ġlied.

"Tista' tgħid li trid!" qatgħetlu kliemu Lena. "Id-draguni huma tradituri! Kienu ttradewna meta serqu lill-Prinċipessa Żerniq."

B'xagħar iswed folt u par ħaddejn ħomor bħal-laringi tal-bakkaljaw, Lena kienet

magħquda u mmuskulata. Kienet tħobb tiġri, tiġġieled u tobgħod sew li ma jkollhiex x'tagħmel.

"Xejn affattu!" insista Ervaël. "Ir-Raġel-Dragun u l-Prinċipessa kienu jinħabbu. Iżda r-re ta' Organda ma riedx jaf."

"U jien qed ngħidlek li huma jibżgħu minn dellhom!"

"Id-draguni? Jibżgħu minn dellhom?" weġibha rrabjat it-tifel.

"Iva, u int ukoll!"

Mastru Kodiċi ħass li kellu jintervjeni.

"Ejjew tfal … ieqfu lletikaw. Qiskom l-ilma u n-nar! It-tnejn li intom għandkom ftit raġun iżda ma tisimgħux lil xulxin. Id-draguni huma bħall-bnedmin. Hemm minnhom tajbin, iżda jeżistu wkoll il-ħżiena. Qatt tinsewh dan."

"Mela jien qiegħda mal-parti tat-tajbin u Ervaël qiegħed mal-parti tal-ħżiena!" wieġbet trijonfanti Lena, li missierha kien Drako, il-kaċċatur tad-draguni tal-villaġġ.

Ervaël ma weġibx. Lena dejjem kienet tkun trid tgħid l-aħħar kelma hi. Mentri hu kien irid iħalli lil kulħadd bi kwietu. Xħin spiċċat il-lezzjoni dwar l-istorja antika ta' Organda, Ervaël mingħajr ma lissen kelma telaq mill-villaġġ ifittex li jkun waħdu. U minkejja li ma kellux permess, beda miexi lejn l-Art Mistagħdra.

Kien post ta' tkexkix, mimli ċpar u ntiena. L-ilma, aħdar skur, kien mimli sriep tal-ilma velenużi. F'wiċċ l-ilma bdew telgħin bżieżaq tal-arja, li kienu ġejjin minn kreaturi mhux magħrufa li jgħixu fil-fond. Ma kienx lok ta' skiet. Madankollu, minkejja l-perikli

u d-deżolazzjoni, Ervaël kien iħobb jippassiġġa f'din l-Art Mistagħdra.

Kien jaħseb dwar id-draguni. Ta' spiss. Kważi l-ħin kollu … Bil-kontra tat-tfal tamparu, ma kienx jobgħodhom. Kien iħossu saħansitra attirat minnhom. Mur ifhmu!

Kważi rifes fuq ġebla ħamranija iżda reġa' bdielu fl-aħħar sekonda. Intrigatu d-dehra tleqq u regolari tagħha u tbaxxa biex imissha. Kienet iebsa u ratba fl-istess ħin. Ma kellha xejn x'taqsam mal-ġebel. Ervaël għafas fuqha u din daħlet 'il ġewwa, imbagħad reġgħet ħarġet 'il barra malli telaqha. Kienet tinsab f'wiċċ l-ilma qiegħed tal-Art Mistagħdra.

Ervaël ipprova jeħlisha mir-reċipjent tagħha iżda jdejh bdew jiżolqu minħabba

li kienet tant lixxa. Irnexxielu joħroġha xi ftit ċentimetri ’l barra iżda din bdiet terġa’ tinbela’ ’l ġewwa kull darba.

Huwa dejjem kien iġorr miegħu borża tal-ġilda. Fittex ġo fiha u ħareġ minnha par ingwanti. Kienu magħmulin mill-ġilda tal-gremxul u kien jużahom biex jixxabbat maċ-ċnut għoljin. It-tessitura tagħhom

